**Deċiżjoni tas-Sedja mogħtija minn Mr Speaker l-Onor Michael Frendo f'Seduta numru 399 tat-Tnejn, 31 ta' Ottubru 2011.**

Is-Sedja tagħmel riferenza għat-talba tal-Kap tal-Oppożizzjoni li, wara li invoka l-Kapitolu 113 tal-Liġijiet ta' Malta, issir investigazzjoni dwar l-aġir tal-Partit Nazzjonalista, il-mezzi tax-xandir tiegħu u persuni oħra mhux magħrufa jekk sarx spjunaġġ, serq ta' informazzjoni u *hacking* għar-rigward ta' korrispondenza elettronika li għaddiet bejnu u bejn terza persuna.

Huwa talab lis-Sedja li "tinvestiga bl-akbar serjetà dan il-każ ta' spjunaġġ fuq korrispondenza miegħi bħala membru ta' din il-Kamra u li fiha jien kont qiegħed, fost l-oħrajn, naqdi dmiri billi nfassal mistoqsijiet parlamentari biex jieqfu abbużi minn flus il-poplu f'għadd ta' awtoritajiet".

Huwa kompla jgħid "Għalhekk, Sur President, bħala l-uniku ħajt ta' kenn li nittama li jista' jkollna biex inkomplu naqdu dmirna, nitolbok biex tinvestiga dak kollu li għadni kif għidt biex nassigura li l-membri parlamentari jkollhom il-libertà li jaqdu dmirijiethom."

L-Onorevoli Tonio Borg, Viċi-Prim Ministru, Ministru tal-Affarijiet Barranin u Kap tal-Kamra b'risposta għal dan wieġeb "Aħna assolutament m'għandna xejn kontra li ssir din l-investigazzjoni, jiġifieri l-partit tal-gvern u din in-naħa tal-Kamra m'għandha xejn x'taħbi dwar affarijiet, anzi niċħdu kull allegazzoni li fil-fatt xi ħadd minn din in-naħa għamel xi ħaġa illegali."

Kjarament din l-allegazzjoni hija serja għar-rigward il-kuntest li fih kull membru ta' din il-Kamra jrid jaqdi d-doveri tiegħu u tagħha. Irrispettivament minn din l-allegazzjoni, u jekk tirriżultax jew le, żgur li ħadd ma jikkontesta li kull ċittadin għandu jkollu d-dritt għall-privatezza kif protetta mil-liġijiet ta' Malta. Dan jgħodd aktar u aktar għal min jaqdi funzjoni pubblika bħal dik li jaqdi Membru tal-Parlament.

Is-Sedja tagħmel riferenza għall-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, Kapitolu 113 tal-Liġijiet ta' Malta u tosserva li din l-istess Ordinanza fl-artikolu 11 tgħid hekk:

"11 (1) Meta l-iSpeaker ikun *prima facie* jidhirlu li persuna sew jekk tkun Membru tal-Kamra sew jekk le, tkun għamlet xi wieħed mill-attijiet imsemmijin fis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, huwa għandu jirreferi l-kwistjoni lil kumitat....." u aktar 'l hemm l-istess artikolu jgħid hekk "L-espressjoni "*prima facie*" tfisser li lment li jkun sar ikun jallega ksur ta' xi regola stabbilita b'din l-Ordinanza jew fl-i*Standing Orders* tal-Kamra tad-Deputati jew ta' xi riżoluzzjoni approvata mill-Kamra tad-Deputati dwar attijiet imsemmija fis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, u ma għandha f'ebda każ tkun tfisser jew timplika xi stqarrija ta' ħtija jew ta' innoċenza."

Minn dan is-Sedja tinnota li l-Ordinanza tipprovdi għal żewġ testijiet biex tkun tista' ssir dikjarazzjoni li aġir huwa *prima facie* ksur ta' privileġġ. Dawn huma li (a) irid l-iSpeaker jkun *jidhirlu prima facie* li persuna tkun għamlet wieħed mill-attijiet imsemmija fis-subartikolu (4) tal-Artikolu 11 u (b) li lment li jkun sar *ikun jallega ksur* ta' xi regoli stabbiliti b'din l-Ordinanza jew fl-i*Standing Orders* tal-Kamra tad-

Deputati jew ta' xi rizoluzzjoni approvata mill-Kamra tad-Deputati dwar l-istess atti msemmija fis-subartikolu (4).

Dawn iż-żewġ testijiet iridu jkunu sodisfatti flimkien.

Dan ifisser li meta jsir ilment, l-iSpeaker irid, kif hija l-prassi kostanti, jagħmel investigazzjoni preliminari bil-fatti li jkunu disponibbli għalih. Eżempju ċar huwa meta l-ilment ikun dwar kliem li jkun intuża f'ġurnal: l-iSpeaker ikun irid iqis l-ilment tal-Membru fid-dawl tal-kliem stampat fil-ġurnal u wara li jara dan il-kliem jiddeċiedi jidhirlux li hemm *prima facie* ksur ta' privileġġ. Is-Sedja għalhekk tkun trid tqies il-fatti disponibbli għaliha qabel ma tiddeċiedi jidhirlhiex jew le li hemm *prima facie* ksur ta' privileġġ. Il-fatt waħdu li jsir ilment li fih jiġi allegat ksur ta' privileġġ ma jikkostitwix awtomatikament li jiġi dikjarat li hemm ksur *prima facie*. Kjarament il-leġislatur daħħal dan l-istadju biex l-iSpeaker iqis il-punt preliminarjament u l-proċess ikompli biss jekk huwa jiddeċiedi li jidhirlu li hemm *prima facie* ksur ta' privileġġ.

Kien hemm każi oħrajn fejn l-ilment kien, per eżempju, li membru kien sab xkiel jew gie insolentat fi triqtu lejn jew lura mill-Kamra tad-Deputati biex jaqdi d-dmirijiet tiegħu fil-Kamra. Dan kien il-każ imqajjem mill-Onorevoli Dom Mintoff fis-Seduta 185 tas-17 ta' Diċembru, 1988. F'dak il-każ, li kien inqas tekniku minn dak odjern, l-iSpeaker kien għamel investigazzjoni preliminari biex jivverifika l-fatti u abbażi ta' dak li rriżulta stqarr li hemm *prima facie* ksur ta' privileġġ. Din hija metodoloġija stabbilita bil-prassi in riflessjoni taż-żewġ testijiet mitluba mill-Ordinanza.

Is-Sedja f'dan il-każ odjern, li fih hemm allegazzjoni serja ta' *hacking*, serq ta' informazzjoni u spjunaġġ, ma tarax kif hija tista' tagħmel investigazzjoni preliminari bil-mezzi tagħha biex tiddeċiedi jidhrilhiex jekk hemmx *prima facie* ksur ta' privileġġ. Hemm il-ħtieġa li ssir din l-investigazzjoni minn min għandu l-mezzi biex dan jagħmlu sabiex is-Sedja tkun tista' fid-dawl tar-riżultanzi tiddeċiedi jidhrilhiex li hemm *prima facie* ksur ta' privileġġ fuq l-ilment imressaq mill-Onorevoli Joseph Muscat.

Mhux biss is-Sedja m'għandhiex il-mezzi biex hija stess tinvestiga allegazzjoni ta' din in-natura imma lanqas ma għandha l-poter fil-liġi li twaqqaf hija stess Kumitat tal-Kamra biex tagħmel din l-investigazzjoni qabel ma hija tiddikjara jekk jidhirlhiex jew le li hemm *prima facie* ksur ta' privileġġ. Ħaġa bħal dik tista' biss tkun b'riżultat ta' mozzjoni tal-Kamra nnifisha.

Inoltre, is-Sedja m'għandhiex poter li hija stess tikkostitwixxi inkjesta skond l-Att dwar l-Inkjesti (Kap.273) għaliex dan l-Att jirriżerva din il-fakultà lill-membri tal-Eżekuttiv biss (Artikolu 4(1) Kap 273).

Madankollu s-Sedja, trid tara li sabiex ikompli l-proċess li jrid iwassal għad-deċiżjoni tagħha jekk jidhirlhiex li hemm *prima facie* ksur ta' privileġġ għandha b'xi mod tfittex li tipprovdi mod ieħor biex dan il-proċess jista' jkun konkluż.

F'dan ir-rigward is-Sedja tagħmel riferenza wkoll, ai termini tal-Ordni Permanenti 197, għal rapport tal-House of Commons *Committee on Standards and Privileges, Fourteenth Report of Session 2010-11* msejjah "*Privilege: Hacking of Members'*

*mobile phones"* li qal hekk fis-sezzjoni "*Capacity of the House to investigate allegations of hacking*":

> *"36. We conclude that allegations of criminal behaviour such as hacking should be investigated by the police, who possess the necessary resources and expertise, although the House should be prepared to invite the police to investigate an allegation that has come to its notice."*

Għalhekk, biex ikollha l-informazzjoni neċessarja biex hija tkun tista' tiddeċiedi jekk jidhirlhiex li hemm *prima facie* ksur ta' privileġġ is-Sedja qed tiddeċiedi li titlob li din l-investigazzjoni ssir mill-Kummissarju tal-Pulizija biex jinvestiga din l-allegazzjoni u jirrapporta lura lilu dwar dan.

Dan is-Sedja tagħmlu b'riżerva sħiħa ta' deċiżjoni dwar jekk jidhirlhiex jew le li hemm *prima facie* ksur ta' privileġġ fid-dawl tar-riżultanzi ta' tali investigazzjoni kif ukoll tal-applikazzjoni tan-normi viġenti fil-Kap 113 tal-Liġijiet ta' Malta.